MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2010

Numru. 701/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA'**
**KONTRA**

**SPIRU VASSALLO**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Spiru Vassallo ta' 62 sena, bin Carmel u Mary nee' Galea, mwieled B'Kara fl- 20 ta' Ottubru 1947, residenti f' 51, Triq il- Herba, B'Kara u detentur tal- Karta tal- Identita' bin-numru 916147(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli;

1) F’ dawn il- Gzejjer, fit- 13 ta’ Ottubru 2009 jew fil-jiem ta’ qabel, ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jwe b’ xi mod li jkun, xjentement, ghin jew assista lill- awtur jew awturi tad- delitt, fl- atti illi bihom dawn, sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor, f’ xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz, u cioe certifikat tal- VRT falz;

2) Kif ukoll talli fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi, ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew b’ xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill- awtur jew awturi tad-delitt, fl- atti illi bihom dawn, bhala operaturi jew persuni li kellhom licenzja biex jittestjaw, hargu certifikat li kien juri li l- vettura ghaddiet mit- test meta l- istess vettura ma kienitx giet ittestjata;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jirrikonsidra, u ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 42 (a), (d), 188 tal- Kapitolu 9 u Regolament 25 (b) SL 65.15 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------